# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Dr. Lynn Zahra**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenta;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti eżibiti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi din il-proċedura ta' "sfida" lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali hija proċedura speċjali li hija intiża sabiex il-Qorti tiddetermina fuq bażi ***prima faciae*** jekk

hemmx lok għalbiex in-*notitia criminis* li tkun saret lill-Pulizija tiġi tradotta fil-konsegwenti azzjoni penali. L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-*notitia criminis* magħmula lilha. Dan joħrog ċar mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Adrian Busietta v. L-Avukat Generali et*** deċiża nhar it-13 ta' Marzu 2006.[1]

Il-livell ta' suffiċjenza probatorja provdut mill-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dawn il-każijiet huwa li ***prima faciae*** jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm ***prima faciae*** lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni.[2] Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet

---

[1] fejn inter alia ingħad illi :

5. Il-partijiet ittrattaw l-appell fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2006, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghad-determinazzjoni ta' dana l-appell wiehed irid jezamina sew x'jimporta verament l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali fis-sistema gudizzjarja, u specjalment fis-sistema penali, taghna. Dana l-artikolu, kif tajjeb osserva l-abbili Deputat Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, huwa forma ta' judicial review ta' l-operat tal-pulizija.

[2] Ibid. fejn jingħad ukoll illi :

6. Kif jidher minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni, ghalkemm il-procedura ta' sfida tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati – u skond prassi inveterata, dejjem gie ritenut li din il-Qorti tkun qed tagixxi fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalkemm id-disposizzjoni tal-ligi proprjament hija siekta dwar dan id-dettal – dak li fl-fatt taghmel il-Qorti huwa, mhux li tara jekk il-kwerelat, id-denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha sar ir-rapport hux hati o meno tar-reat jew reati migjuba f'dik il-kwerela, denunzja jew rapport; anqas ma tara jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza, f'kaz li n-notitia criminis tkun tirreferi ghal reat li jgib piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija – procedura li tispetta lill-Qorti Istruttorja fil-kontradittorju tal-persuna eventwalment akkuzata; anqas ma tigbor il-provi li talvolta jkunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna – huwa infatti proprju ghalhekk li r-rikorrent, fil-procedura ta' sfida, jobbliga ruhu li eventwalment, u cioe` fil-proceduri, jekk talvolta jinbdew, kontra l-kwerelat, denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha jkun sar ir-rapport, jaghti x-xiehda tieghu u jgib il-provi "li jkollu f'idejh"; izda dik il-Qorti tissindika biss l-operat tal-Pulizija biex tara jekk

li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-*notitia criminis* fuq raġunijiet ġustifikati jew le.

Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti almenu jeħtieġ

(i) skrutinju tal-elementi fil-pussess tal-Pulizija u li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u

(ii) tara jekk sal-grad ***prima faciae*** din id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kienetx ġustifikata jew le.

Fil-fehma ta' diversi Qrati Superjuri Maltin, bil-grad ***prima faciae*** il-Leġislatur ried jirrifletti grad ta' indaġini li ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell bħala "mal-ewwel daqqa t'ghajn".[3] Il-Qorti Kriminali fil-każ ***Fl-Atti tar-Rikors Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija*** deċiż nhar it-23 ta' Settembru 2010 u li kien preċiżament jittratta każ tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali l-Imħallef Michael Mallia jgħid li għal dak li għandu x'jaqsam mal-grad ***prima faciae*** l-Qrati Maltin donnhom sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-

---

ir-rifjut ta' l-istess Pulizija li tmexxi l-azzjoni kriminali kienx gustifikat o meno. F'dan is-sens, il-persuna "investigata" hija l-Pulizija, li trid tiggustifika l-inazzjoni taghha, u mhux il-persuna li tkun issemmiet fil-kwerela, fid-denunzja jew fir-rapport. Il-procedura ta' sfida hija procedura li biha l-awtorita` gudizzjarja, a differenza ta' xi awtorita` ohra gerarkikament superjuri ghal dik tal-Pulizija Ezekuttiva, tara jekk il-Pulizija Ezekuttiva, tkunx imxiet korrettement f'kaz partikolari fejn hija tkun qed tghid li m'ghandhiex tagixxi in segwitu ghal rapport, denunzja jew kwerela partikolari.

[3] Ara "Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfre'", Qorti tal-Appell, deciza nhar l-14 ta' Lulju 1988.

probabbli u għalhekk "jekk il-Magistrat jidhirlu illi l-provi migbura quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' ***prima faciae*** jigi milhuq u l-kawza tkun tista titkompla".

Fil-każ ***Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra***, dekretat mill-Qorti Kriminali nhar is-27 ta' Frar 2014 ġie *inter alia* mistqarr li dan il-grad ta' ***prima faciae*** huwa l-istess għall-każijiet kollha fejn il-Qorti tal-Maġistrati hija meħtieġa bil-Liġi li tilħaq dak il-grad, inkluż fi proċeduri ai termini tal-Artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja. Dan jirriekeġġja dak deċiż mill-Qorti Kriminali fil-proċedura fl-ismijiet ***Carmel u Helen konjuġi Galea vs Kummissarju tal-Pulizija*** tad-19 t'Awissu 2004 : -

> Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, hija ma kellhiex il-kompitu li tiddeciedi, b'applikazzjoni tal-principji u regoli enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, x'temmen jew lil min temmen. Il-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz kien semplicement li tara jekk kienx hemm kaz *prima facie*, l-istess grad ta' prova, cioe`, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

Dan ifisser ukoll li l-grad ta' ***prima faciae*** jistrieħ fuq livell ta' konvinċiment u suffiċjenza probatorja aktar baxx minn dak meħtieġ minn min irid jiġġudika l-fatti sabiex ikun jista jsib ħtija, u kif intqal fis-sentenza hawn fuq imsemmija in re *Xuereb*, jistrieħ

fuq livell bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli – u dipendenti fuq jekk il-Qorti tqisx li hemm provi biżżejjed li kien jistħoqqilhom aktar investigazzjoni. Dan japplika ukoll u għalhekk b'mod partikolari għall-proċedura taħt l-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali bħal dik in diżamina.

**<u>Il-provi f'dan il-każ</u>**

Il-provi f'dan il-każ ġew debitament reġistrati u traskritti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra toqgħod tirriproduċi dak kollu li nġabar fl-atti. Biss sejra tagħmel riferenza għal dawk is-siltiet li jidhrilha l-aktar importanti għar-risoluzzjoni ta' dan il-każ fejn ikun meħtieġ.

F'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija bil-mezz tax-xhieda prodotti minnu stqarr illi ma kienx hemm provi biżżejjed biex fuqhom jinbdew kontra l-Ispettur Jason Francis Sultana (JFS) il-proċeduri penali invokati mir-rikorrenta – jiġifieri dawk "*ghar-reat kriminali that l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali u ksur tal-artikoli tal-Att dwar is-Sigriet Professjonali , il-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta'Malta*" skont l-istess kwerela preżentata quddiem din il-Qorti.

Fil-fatt mix-xhieda u dokumenti mresqa mill-Kummissarju tal-Pulizija, fosthom dik tal-Ispettur Ramon Mercieca jirriżulta li l-Pulizija kienet għamlet investigazzjoni fejn interrogat kemm lil JFS kif ukoll lis-Supretendent Raymond D'Anastas (RDA), filwaqt li kienu wkoll tkelmu mar-rikorrenta (LZ) u mal-ġurnalista Daphne

Caruana Galizia (DCG). Bħal f'kull investigazzjoni, dejjem setgħa sar sforz akbar biex jinkixef dak li verament seħħ; pero ma jistax jingħad li l-Pulizija naqset milli tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenta. F'din il-proċedura imbagħad il-Kummissarju tal-Pulizija ma straħx biss fuq provi dokumentarji tal-interrogazzjonijiet jew intervisti li għamel iżda produċa wkoll ix-xiehda *viva voce* tal-persuni direttament involuti.

Minn qari ta' din ix-xiehda jirriżulta li :

(a) JFS ċaħad kategorikament li matul il-laqgħa lamentata mir-rikorrenta huwa b'xi mod irriġistra l-konversazzjoni ta' bejniethom bil-mobile phone tiegħu jew li għadda lil DCG kopja ta' din ir-reġistrazzjoni;

(b) RDA tenna li kien preżenti għal ċertu ħin matul din il-laqgħa, iżda ċaħad kategorikament ukoll li b'xi mod irreġistra l-konversazzjoni bejn JFS u LZ jew li għaddiha lil xi ħadd.

(c) DCG ikkonfermat bil-ġurament tagħha li ma kellha xejn xi żżid ma dak li kienet kitbet u b'mod ċar u kategoriku ikkonfermat li l-informazzjoni li waslet għandha dwar din il-laqgħa u l-kontenut tal-konversazzjoni bejn JFS u LZ ma kienetx twaslet lilha minn JFS. Anzi hi tikkonferma bil-ġurament tagħha li lil JFS qatt ma kelmitu f'ħajjitha ħlief meta ċempillha jew ċempillu l-Avukat tiegħu biex isaqsiha dwar din l-affari.[4]

[4] Verament ukoll li mid-dokument a fol 69 jirriżulta li waqt l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, JFS stqarr li skontu kien hemm ċirkostanza oħra fejn jidher li kien hemm xi komunikazzjoni bejniethom : ċjow dwar allegat *hit and run incident* li allegatament kienet involuta fih DGC u fejn din allegatament baqgħet tirrifjuta li tmur l-Għassa u fl-aħħar kien għażel li jibgħat xi pulizija biex jivverifikaw jekk kienx hemm danni fuq il-bumper tal-karozza tagħha. Pero huwa jtenni wkoll li qatt ma kellimha wiċċ imb'wiċċ jew inkella ikkorrisponda magħha b'xi mod ieħor. Dwar dan l-inċident meritu ta' dan il-każ anke JFS jikkonferma li qatt ma kellu xi kuntatt ma DCG.

Minn din l-evidenza diretta ta' tliet xhieda prinċipali f'dan il-każ, jidher biċ-ċar li jekk il-Qorti kellha toqgħod biss fuqhom, l-allegazzjoni tar-rikorrenta tiġi kompletament newtralizzata u dan peress li konklużjoni loġika ta' dawn id-deposizzjonijiet magħquda flimkien twassal għall-konklużjoni li :

(a) kien hemm xi persuna, li la huwa JFS u l-anqas RDA, li pero irreġistra l-konvesazzjoni li kien hemm bejn JFS u LZ permezz ta' iPhone (jew xi smart phone ieħor);
(b) din twaslet lil DCG - pero min waslilha din il-konvesazzjoni ma kienx JFS;
(c) DCG ippubblikat silta minn din il-konversazzjoni fi kliem tagħha f'żewġt artikli li kitbet.

Minn din ix-xiehda jirriżulta għalhekk li, jekk emnuta, ma jkunx hemm provi suffiċjenti biex il-Kummissarju tal-Pulizija jibda l-azzjoni kriminali kontra JFS stante li r-rabta bejn JFS u l-pubblikazzjoni eventwali tal-konversazzjoni ma kienetx waħda b'saħħitha bi provi legalment ammissibbli magħqudin f'katina ma xulxin b'mod li bihom qorti ta' kriminali ġudikatura tista' eventwalment issib ħtija fih.

Kif intqal aktar il-fuq, din il-Qorti trid tagħmel evalwazzjoni dwar jekk *prima faciae* hemmx lok li l-kwerela tiġi mwetqa f'din l-azzjoni penali u għalhekk il-livell ta' suffiċjenza probatorja huwa aktar baxx. Biss essendo Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, din il-Qorti xorta waħda hija marbuta bil-kumplament tar-regoli ta' proċedura kriminali – inkluż u b'mod partikolari il-liġi li tirregola l-evidenza – meta tiġi biex tagħrbel jekk hemmx lok *prima faciae* għall-azzjoni kriminali.

Għalkemm il-Qorti bdiet biex f'dan id-digriet eżaminat sal-grad *prima faciae* dawn il-provi hawn fuq imsemmija, l-istess Qorti pero, **qabel** ma għarblet din ix-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet diġa għamlet analiżi sal-grad tal-*prima faciae* tax-xiehda tar-rikorrenta u tad-dokumenti preżentati minnha. Il-Qorti qieset ukoll il-mistoqsijiet li hija għamlet lid-diversi xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija (nonche t-tweġibiet tagħhom) kif ukoll is-sottomissonijiet tagħha. Fi ftit kliem, il-Qorti għamlet ukoll l-analiżi dwar jekk, kieku kellha twarrab ix-xiehda negatorja imresqa mill-Kummissarju tal-Pulizija, setgħetx xorta tasal għall-konvinċiment li l-kwerela tar-rikorrenta kienet *prima facie* ġustifikata skont il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija u li konsegwentement id-deċiżjoni ta' inerzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet inġustifikata.

Mid-deposizzjoni estensiva tagħha jirriżulta li LZ ibbażat l-ilment tagħha mhux daqstant fuq provi diretti daqskemm fuq evidenza ċirkostanzjali u inferenzi li hija ġibdet in konsegwenza ta' din l-evidenza. Dan jirriżulta mix-xiehda tagħha stess meta għal mistoqsija mill-Qorti jekk waqt dik il-konversazzjoni hi kienetx qegħda tara effettivament lil persuna tirrekordjaha, LŻ wieġbet : -

> Xhud: Le ma rajtux jirrekordjani imma kien hemm il-mobile bejnietna.
>
> Qorti: Illi qieghed bejnietkom, f'dik il-kamra kontru tlieta minn nies u wara li kien hemm dan l-artiklu jew l-artikli ta' Mrs. Caruana Galizia mill-artikli inti intbaht li kont qed tigi recorded ghax hekk intqal fl-artikolu u inti ghaqqadt dik id-dikjarazzjoni, dawk id-dikjarazzjonijiet ma' l-fatt illi kien hemm dan il-mobile fuq il-mejda?
>
> Xhud: Hekk hu.
>
> Qorti: Mela dawn ic-cirkostanzi dan plus dan waslu ghal.
>
> Xhud: U imbaghad Sur Magistrat illi l-mobile tpogga fin-nofs, il-mobile tieghu ma poggiehx hdejh jew rega' dahlu Iura fil-but, tefghu fin-nofs. Wara meta qrajt x'inkiteb fuq il-blog fl-artiklu mis-Sinjura Caruana Galizia ... in two of her posts,

> meta rajtu hekk mela ghalhekk li l-mobile kien qieghed f'nofsna u beda jdejjaqni imma jiena llum nirringrazzja lil Alla, ma ndunajtx ghaliex li kieku indunajt u ghidlu u bil-karattru li Ghandi kont nghidlu.

Dan il-każ għalhekk ma jistrieħx fuq evidenza diretta ta' persuna li pożittivament tikkonferma li rat jew intebħet bil-fatt allegat ċjoe' bir-reġistrazzjoni tal-konversazzjoni qegħda ssir u li tikkonferma li kienet taf (bl-għarfien dirett tagħha) li kien JFS li kkomunika dik il-konversazzjoni reġistrata lil DCG. Invece dan il-każ tar-rikorrenta jistrieħ fuq evidenza ċirkostanzjali fis-sens li LZ tikkontendi li hija waslet għall-konklużjoni tagħha li kien JFS li kemm irrekordjaha kif ukoll li wassal dik ir-reġistrazzjoni minħabba li l-evidenza ċirkostanzjali u bl-eżerċizju tal-loġika u r-raġuni tagħha, setgħet tasal biss biex twaħħal f'JFS bħala dak li kixef is-sigriet tal-konversazzjoni ta' bejnietħhom kif spjegat fil-kwerela. Dan jidher li huwa wkoll konċess mill-istess rikorrenta : -

> Qorti: Jigifieri apparti din l-azzjoni li qed insemmu, jekk qed nifhmek sew Dottoressa il-bazi ta' l-ilment tieghek tistrieh fuq evidenza cirkostanzjali illi inti gbart u osservajt hux hekk, ha nkun qed nifhmek sewwa?
>
> Xhud: Qed tifhmini sewwa Sur Magistrat, jiena tlaqt minn hemm gew u rajt fuq il-blog tas-Sinjura Caruana Galizia wara l-elezzjoni kien July imbaghad jien kif rajtha.

Ladarba dan il-każ jistrieħ prinċipalment fuq dal li LZ iddeżumiet miċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew l-avvenitmenti u ċjoe allura jistrieħ fuq evidenza ċirkostanzjali, il-Qorti bilfors trid tara jekk setgħetx tasal għall-konklużjoni *prima faciae* mistennija minnha in bażi għal din l-evidenza ċirkostanzjali li resqet ir-rikorrenta. Għalhekk il-Qorti għarblet il-prinċipji regolatorji dwar kif din l-evidenza ċirkostanzjali għandha tiġi imħadma minn dawn il-Qrati fid-determinazzjoni tal-kwistjonijiet li jkollhom quddiemhom.

Il-Qorti tibda biex tagħmel riferenza għas-sentenza fil-kawża : ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et*** deċiża minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fejn il-prinċipji regolatorji ġew sintetizzati b'dan il-mod : -

> Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar ‘l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita’.
>
> Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero’ hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg’, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe’ mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.
>
> Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista’ torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.
>
> Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil’, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."
>
> Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b’aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Parctice (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs R (1952) jghid:
>
> "Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not

available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta....

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker':

"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one." Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Issa f'dan il-każ, il-prinċipji regolanti l-mod ta' kif għandha tiġi użata l-evidenza ċirkostanzjali jibqgħu invarjati f'dawn il-proċeduri

speċjali ta' sfida, bid-differenza li l-grad ta' suffiċjenza probatorja huwa anqas minn dak fil-każ ta' proċediment penali fejn din il-Qorti tkun adita tiddeċiedi l-meritu ta' każ kriminali. Biss biex Qorti tkun tista' tistrieh u tasal biex biss fuq evidenza ċirkostanzjali tordna azzjoni kriminali fil-konfront ta' persuna u kontra d-deċiżjoni preċedenti t'inerzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, huwa ċar li din l-evidenza ċirkostanzjali trid ukoll tkun

(a) eżaminata b'attenzjoni u ċirkospezzjoni kbira (if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);
(b) analizzata b'mod li tara jekk permezz tagħha jistax jiġi stabbilit irbit bejn l-allegat reat kommess u l-persuna inkriminanda, u ħadd iktar, anzi lil persuna inkriminanda biss;
(c) univoka u mhux ekwivoka jew saħansitra ambigwa (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference);
(d) magħquda "bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni."
(e) trid twassal lil din Qorti sabiex tikkonkludi li, in bażi għal din l-evidenza ċirkostanzjali, *prima facie*, hemm lok għat-trasformazzjoni tal-kwerela de quo fl-azzjoni kriminali awspikata.

Il-Qorti tqis pruvat sal-grad rikjest li matul il-konversazzjoni bejn LZ u JFS kien hemm, f'mumenti minnhom, il-mobile phone ta' JFS fuq il-mejda li kienu mdawrin magħha. Biss il-pern tar-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni mhix jekk kienx hemm dan il-mobile phone fuq il-mejda jew le iżda :

(i) jekk matul dik il-konversazzjoni, jew almenu f'parti minnha, JFS kienx qiegħed juża dak il-mobile biex jirreġistra dik il-konversazzjoni, jew parti minnha, mingħajr l-għarfien u l-kunsens ta' LZ u

(ii) jekk wara dik il-laqgħa JFS ipproduċiex dik ir-reġistrazzjoni lil DCG, jew almenu stqarrx il-kontenut ta' dik il-konversazzjoni lil terzi persuni, b'mod li dik il-konversazzjoni waslet għand DCG, biex din imbagħad eventwalment għamlet użu minn siltiet minnha.

Essenzjalment LZ waslet għall-konklużjoni li bilfors kien JFS li rreġistra dik il-konversazzjoni u li ddivulga l-kontenut tagħha lil DCG għaliex : -

(i) dan il-mobile phone kien ta' JFS, għax ratu joħorġu mill-but tal-qalżiet wara li semgħatu jdoqq;
(ii) rat lil JFS jużah waqt konversazzjoni privata u jqegħdu fuq il-mejda wara li lesta mit-telefonata li kellu;
(iii) rat il-mobile phone quddiemha u dak il-ħin beda jdejjaqha u għorkilha għajnejha (għalkemm, minkejja dan dak il-ħin ma qalet xejn jew m'għamlet xejn dwaru u ma ġibdet l-attenzjoni ta' ħadd dwar dan l-iskomodu li kien qiegħed jirrekalha);
(iv) aktar tard rat pubblikati l-ewwel u t-tieni artikoli ta' DCG dwar il-kontenut ta' dik il-konversazzjoni – li kienet taqbel ma dak li kien intqal bejnha u bejn JFS;
(v) intebħet li dak li qalet DCG fis-sens li l-konversazzjoni ta' bejnha u JFS kienet ġiet reġistrata minn fuq iPhone kien minnu għaliex verament kien hemm iPhone fuq il-mejda;
(vi) matul il-kollokwiju ta' bejnha u JFS ma kien hemm ħadd aktar stante li hija qabżet ir-reception u baqgħet tiela fuq fil-kamra fejn kien hemm JFS wara li kellimha RDA;
(vii) kien JFS biss li rat li kellu mobile phone iPhone barra fuq il-mejda;
(viii) allura konsegwentement għar-rikorrenta kien bilfors JFS li kien irreġistra l-istess konversazzjoni u għaddiha lil DCG li wara ppublikata.

Dan ir-raġunament, in bazi għall-argumenti tar-rikorrenta, jinstema' loġiku għaliex fih żviluppat rabta bejn diversi ċirkostanzi u indizji flimkien li allura skaturaw inferenza f'moħħ ir-rikorrenta u bis-saħħa ta' din l-inferenza ir-rikorrenta ppontat subgħajha lejn il-ħtija ta' JFS.

Huwa legalment possibbli li preżunzjoni ta' fatt titnissel minn evidenza ċirkostanzjali kif jidher minn ġurisprudenza kemm patrija kif ukoll dik estera. Hekk per eżempju skont il-Blackstone's **Criminal Practice,**[5] fejn jikkwota lil Lord Simon fil-każ *DPP v Kilbourne*[6] fejn fis-silta l-aktar rilevanti jingħad hekk : -

> The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[7]

Mill-banda l-oħra kif mistqarr mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-każ **Il-Pulizija vs James Abela,**[8] preżunzjoni ta' fatt :-

> tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."

Kif intqal aktar il-fuq, ir-raġunament tar-rikorrenta, u għalhekk il-bażi għal-preżunzjoni ta' fatt li għamlet hi, irid jiġi analizzat jekk jissodisfax il-kriterja legali imsemmija aktar il-fuq. Mhux biżżejjed li minn ċirkostanzi jew indizji li jiġu magħquda flimkien u li

[5] 2013, F1.18 to F1.27
[6] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
[7] Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
[8] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 2002.

minnhom jinstilet raġunament, għalkemm ikun jidher loġiku, ikun fil-kontemp ukoll legalment korrett. Biex dan ir-raġunament ikun legalment korrett irid ikun tali, li jkun bażat fuq provi legalment ammissibbli, li jistgħu ukoll jinkludu evidenza ċirkostanzjali. Iżda meta si tratta ta' raġunament bażat fuq evidenza ċirkostanzjali, anke jekk ir-raġunament de quo irid iwassal biss sal-grad *prima faciae*, essendo bażat kważi esklussivament fuq evidenza ċirkostanzjali xorta waħda jeħtieġ li jiġi mistħarreġ b'attenzjoni u ċirkospezzjoni kbira b'mod ukoll li jrid jara jistax jiġi stabbilit irbit bejn l-allegat fatt kriminuż **u** l-persuna inkriminanda biss u ħadd aktar; b'mod li tali evidenza ċirkostanzjali tkun univoka u mhux ekwivoka jew saħansitra ambigwa; **u** li tkun tingħaqad bħal f'katina flimkien minn tarf sa' tarf u li twaslek fl-istess u l-unika direzzjoni. Jekk dawn il-kriterja ma jkunux preżenti flimkien u kumulattivament, b'mod li bihom il-Qorti tkun konvinta sal-grad *prima faciae (*li in bażi tagħhom il-Kummissarju tal-Pulizija ikun eżerċita d-deċiżjoni t'inerzja tiegħu żbaljatament u li għalhekk l-azzjoni kriminali kienet meritevoli), il-prosegwiment tal-azzjoni kriminali ma tistax tiġi ordnata.

Dan il-każ tnissel minħabba allegata reġistrazzjoni ta' konversazzjoni magħmula f'ambitu professjonali bejn ċittadin u Uffiċjal tal-Pulizija, u li siltiet mis-sustanza tagħha spiċċat pubblikata minn ġurnalista prominenti. Dan huwa, minnu nnifsu, fatt gravi ħafna in kwantu l-fiduċja taċ-ċittadin fil-professjonalita tal-Korp tal-Pulizija u b'mod partikolari fil-fiduċja riposta fil-kunfidenzjalita tal-konversazzjonijiet mal-Uffiċjali tal-Pulizija f'ambitu delikat ta' denunzji jew kwereli konsegwenti azzjonijiet penalment rilevanti, veri jew preżunti, tkun qegħda tiġi tradita.

Issa din il-Qorti ma kellhiex il-konfort li tisma' din ir-reġistrazzjoni u tivverifika indipendentement l-eżistenza tagħha. Fil-verita' ma hemm ebda prova tanġibbli li din ir-reġistrazzjoni fil-fatt verament eżistiet għajr ħlief għad-dikjarazzjoni ta' DCG fl-artikli tagħha fejn tagħmel riferenza għaliha. Ma hemm ebda evidenza diretta u oġġettiva oħra dwar l-eżistenza ta' din ir-reġistrazzjoni. Kopja tagħha qatt ma ġiet preżentata jew eżibita fil-Qorti. Verament li DCG ikkonfermat il-kontenut tal-artikli u qalet li ma kellhiex xi żżid magħhom – bil-konsegwenza għalhekk li bid-dikarazzjoni ta' din ix-xhud jidher li kien hemm xi reġistrazzjoni ta' din il-konversazzjoni, jew almenu parti minnha.

Issa anke jekk jitqies pruvat *prima faciae* li din ir-reġistrazzjoni verament saret, u jekk jitqies li huwa minnu li JFS kellu l-mobile phone tiegħu tal-marka iPhone, u li dan il-mobile phone kien, għal xi ħin fuq il-mejda, ma ġiex pruvat *prima facie* li kien JFS **(u hu biss)** li setgħa rreġistra din il-konversazzjoni fuq dak il-mobile phone tiegħu jew fuq xi mobile phone ieħor.

Mix-xiehda ta' LŻ mhux dejjem joħroġ ċar jekk fil-kamra fejn kien hemm il-konversazzjoni bejnha u JFS kienux **biss** hi u hu waħedhom. Dan qed jingħad għaliex a fol 18 et seq, fis-siltiet l-aktar rilevanti, tgħid hekk -

> Waqt li kont qed inkellmu fuq hekk kien hemm xi haga ohra fuq id-disabled parking ta' quddiem il-bieb taghna li kienet inqalghet kwistjoni ukoll u kellimtu ukoll lis-Sur D' Anastasi u jien kont qieghda bil-qieghda quddiem id-desk ta' Jason Sultana u ndawwar rasi u nara lis-Sur D' Anastasi hdejja. Is-Sur d' Anastasi kien qieghed kien hemm desk kienet qieghda '1 boghod qisha minn hawn u mhux sa hemm boghod imma daqs kif tlspicca 1-mejda rajt u kien qed jistrieh maghha.
>
> Qorti: Xi zewg metri / t1ett metri 'I boghod 'I iktar.

Xhud: I would say two / two and a half metres u s-Sur D' Anastasi kien qieghed jistrieh ma' din il-mejda, kellu his arms hekk u jiena nitkellem ma' Jason Sultana u mieghu kif qieghda bhal issa...

Issa fiha din tghid illi tikteb hekk, one of the people who happen to be there send me a covert recording jigifieri qed tghid is-Sinjura Caruana Galizia illi it was a covert recording mentri fl-artiklu tas-sexy chicks nghidilha jien fl-ewwel wiehed Mrs. Caruana Galizia kien ftit vague, she kept it vague biex taghti I-impression li rrekordjani xi hadd at the reception mentri ahna mentri konna fuq, konna wahedna, ma dahal hadd ikellem lis-Supretendent D' Anastasi jew lis-Sur Sultana, konna assolutament wahedna u jiena kont relax ghax kif ghidlek is-Sur Sultana kont ili nafu u kont nafdah, illum il-gumata nirringrazzja lil Alla li ma ndunajtx ghax ma tirrikordjax li jkun qed jirrikordjak b'i phone ghax li kieku indunajt jiena bil-karattru li ghandi kont nghidlu xi haga u nahseb li hemm gew kont nibqa'. Ma kontx nohrog. Issa what I want to stress is illi ahna konna wahedna, ma kien hemm hadd.

Qorti: Waqt din il-Iaqgha li kien hemm bejnek u bejn l-Ispettur Sultana?

Xhud: Ma dahal hadd, ma kien hemm hadd, l-unika telefonata li kien hemm kienet fuq l-i phone tas-Sur Sultana u assolutament ma gie hadd, gieli jiena jkun x'imkien, inkun qed inkellem lil xi hadd Magistrat jew what ever u jidhol xi hadd iehor u dak li jkun jieqaf ikellmu, ma kien hemm interruzzjoni minn hadd u konna wahedna fl-ufficcju fuq. Jiena at the reception ma kellimt lil hadd ghaliex kif dhalt fl-ghassa rajt lis-Supretendent D' Anastasi ma' l-ewwel hareg minn dak il-bieb u jiena ghidlu ghandi bzonn inkellmek, jiena t-tir tieghi kien illi nirrapporta lis-Supretendent illi qieghdin jihharesjawni, dik kien it-tir tieghi allura jiena ma kontx ser immur inkellem lil xi hadd at the reception biex nghidilhom isma' intom qed tihharesjawni, jiena ridt xi hadd above them u mbaghad jiena kont tlaqt bil-kwiet, kienu saru xi s-sebgha u in July qed naqra fuq ilblog ta' Daphne Caruana Galizia illi jiena mort l-ghassa u ridt naghmel libell kontra taghha u hi qalet li xi hadd recorded me covertly over fuq l-i phone, din ha nipprezenta ghax fit-tieni artiklu kitbitha precisly li somebody recorded me, somebody happened to be there and you can hear the Police officer trying to humer her. Allura jiena meta rajtha din ghalija nkixef is-Sur Sultana ghaliex jiena lilu u lil D' Anastasi, issa rajt ir-risposta ta' l-Pulizija u qieghdin jghidu ghaliex anki hu qalli, anki s-Sur Sultana....

jiena ghax qadt niehu l-inkarigu li ncempel Iil Kummissarju biex ma jiginix wara l-bieb is-Sur Sultana ghax lis-Sur Sultana jiena ma vdajtux any more ghaliex jiena ghalija la konna wahedna u l-i phone kien between him and me on his desk u s-Sur D'Anastasi kien qieghed away bil-fors illi fih ser inwahhal. Is-Sur D'Anastasi jekk kellu i phone ukoll ma nafx kif, ghax kieku kien is-Sur D'Anastasi ried ikun xi microphone specjali biex jilhaqni, hu kien qieghed hemm u jiena kont qieghda hawn

Anzi Sur Camilleri jiddispjacini nixtieq nghid tajjeb li nghid illi jiena wara li rajt li s-Sur Zammit ma ghamel xejn, mort inkellem lil Kummissarju l-gdid Ray Zammit u gab lis-Sur Magri us-Sur Magri qalli imma ma hawx provi, jiena nemnek imma m'hawx provi u rrabjani s-Sur Magri, is-Sur Carmel Magri, l-

Assistent Kummissarju ghidlu mela jiena jekk intom tqabbdu ttellghuh lil dan, mela jiena x-xhieda tieghi ma tiswa xejn. Qed nghid illi konna wahedna heq dan bniedem ma tridx tkun qbadtu inflagrante imma jiena naf illi konna wahedna u mhux talli konna wahedna talli jiena nista' nghid illi kien hemm telefon, i phone f'nofsna. Kien tieghu ghax rajtu johorgu mill-but meta daqlu.

Qorti: Halli nkun qed nifhem dan il-punt, meta qed tghid illi kontu wehedkom u ma kien hemm hadd iktar?

Xhud: Hlief is-Sur D' Anastasi.

Qorti: kamra. Pero kien hemm D' Anastasi ukoll jigifieri kontu tlieta fl-istess

Xhud: Konna tlieta fl-istess kamra.
Qorti: Sultana quddiemek u D' Anastasi fejn qieghed Dr. Borg Cardona bhal issa?

Xhud: Is-Sur D' Anastasi ma kienx qieghed hekk kif qieghed issa Dr. Borg Cardona, jiena kont qieghda bilqieghda quddiem is-Sinjura alright id-desk kienet iktar wide u hu kien qieghed qisu iktar vicin wiehed mill-gurnalisti tan-nofs.

Qorti: Din il-kamra hija kamra kbira jew kamra zghira?

Xhud: Il-kamra jekk niftakar fiha qisha daqs nofs din **<u>{Awla numru 14}</u>**, qisha fiha may be qabel il-fan, kienet mimlija littered, kien hemm id-desk ta' Jason Sultana u xi tnejn ohra lil hawn hekk, huma t-tnejn hekk u tieghu hekk u kull fejn tara karti, issa like I said is-Sur D' Anastasi kien qieghed leaning against a desk u gieli resaq xi zewg passi hdejja, taf inti meta tkun qed titkellem u tkun bilwieqfa, you know kif qed jaghmel Dr. Borg Cardona issa, jiccaqlaq pero hadd ma tela' biex jiehu xi instructions jew jghidlu cemplitlek il-mara jew cemplitlek what ever hadd.

Qorti: Pero f'dik il-kamra kontu intom it-tlieta u ma kien hemm hadd iehor apparti intom it-tlieta?

Xhud: Jekk ma tqisx l-i phone fin-nofs ghaliex l-i phone illum il-gurnata ghalija kien qisu an intruder, jiena ma nifhimx fihom jiena wiehed cheap ghandi ta' l-Melita.

Minn din ix-xiehda, magħquda max-xiehda ta' JFS u RDA, dil-Qorti hija konvinta *prima faciae* li fil-kamra ma kienux LZ u JFS waħedhom, iżda kien hemm ukoll żgur RDA preżenti iżda li kien qiegħed biss ftit spazju l-bogħod minnhom għal matul il-konversazzjoni kważi kollha. Dan iħalli xenarju t'evidenza ċirkostanzjali mhux univoka, bħal ma kienet tkun kieku LZ u JFS kienu u baqgħu weħidhom matul il-kors kollu ta' din il-

konversazzjoni, f'kamra bil-bieb magħluq fejn terzi ma setgħux jaraw u jisimgħu. Fil-fatt mix-xiehda prodotta ħadd ma qal min setgħa kien hemm ukoll **<u>barra</u>** minn dik il-kamra (li ma ġiex pruvat kienetx miftuħa jew magħluqa matul il-konversazzjoni), u li setgħa kien ukoll qiegħed jissemma' għal dak li kien qed jintqal fil-kamra fejn kien hemm LZ, JFS u RDA.

Anzi minn dak li ppublikat DCG hemm miktub li "*You can also hear the police officer humouring her instead of sending her flying*". Pero minn imkien mix-xiehda ma jirriżulta min kien dan l-Uffiċjal tal-Pulizija. Il-Qorti ma tistax tassumi li kien JFS jew RDA. Din ukoll setgħet kienet prova importanti li setgħet tgħin għar-risoluzzjoni ta' dan il-każ, għaliex kienet tista' tagħti stampa dwar min kien qiegħed jagħmel "humouring" fil-mument meta kienet għaddejja r-reġistrazzjoni – u ċjoe jekk kienx JFS, RDA, jew xi Pulizija ieħor jew oħrajn li kienu barra l-kamra, jew Pulizija oħra li f'parti oħra tal-binja li setgħu semgħu ukoll dak li kienet qegħda tgħid LZ.

Ġie pruvat li LZ ma ratx lil JFS jirreġistra din l-konversazzjoni; iżda hija serħet l-argument tagħha fuq l-evidenza ċirkostanzjali li kien biss JFS li kellu l-mobile tiegħu tiegħu fuq il-mejda u li għalhekk kien biss hu li għamel din ir-reġistrazzjoni. Din id-damma ta' fatti li minnhom siltet dil-konklużjoni r-rikorrenta dil-Qorti ma tistax serenament tagħmilha. Dan ukoll għaliex bil-mezzi ta' telekomunikazzjoni moderna reġistrazzjoni ta' konversazzjoni tista' ssir anke minn distanza konsiderevoli l-bogħod minn fejn il-konversazzjoni tkun qed isseħħ.

Fattur ekwivoku ieħor huwa **meta** beda jsir użu minn dan il-mobile phone da parti ta' JFS. Għalkemm il-mobile phone ta' JFS li kien fuq il-mejda kien tat-tip iPhone, jirriżulta wkoll li dan ma kienx fuq il-mejda mill-bidu tal-konversazzjoni. Anzi fil-bidu kien miżmum minn JFS fil-qalziet tiegħu. Dan il-mobile phone tqiegħed fuq il-mejda wara li daqq, u LZ rat lil JFS joħroġ l-istess mobile mill-qalziet : -

> Qorti: Bil-mod mela nimxu pass, pass, huwa minnu li dan il-mobile at some stage daqq?
>
> Xhud: Iva konna bil-qieghda quddiemu u cempillu xi hadd u hadt 1-impression infatti li cemplitlu xi mara.
>
> Qorti: Issa qabel ma daqq dan il-mobile, pass pass mela qabel ma daqq dan il-mobile, silenzju Sinjuri jekk joghgobkom, qabel ma daqq dan il-mobile il-mobile kien fuq il-persuna ta' l-Ispettur jew kien diga' hargu fuq il-mejda?
>
> Xhud: Le, le, le, jiena daqq it-telefon u rajtu johorgu mill-but.
>
> Qorti: Hargu mill-but ta' l-glekk?
>
> Xhud: Le minn hawn, mill-qalziet. Mill-qalziet niftakar qisu l-bierah.
>
> Qorti: U tkellem ma' din il-persuna?
>
> Xhud: U tkellem ghandu jkun kienet mara u mbaghad minflok rega' dahlu Iura fil-but jew what ever poggieh fin-nofs.

Il-posizzjoni li kien fih dan il-mobile phone, jiġifieri fil-qalziet ta' JFS diġa jagħmilha inverosimili li setgħa kien hu li qiegħed jirreġistra l-konversazzjoni bl-istess mobile phone waqt li kien fil-qalziet għaliex minn dik il-posizzjoni, konversazzjoni diffiċli ħafna li tiġi reġistrata b'mod li l-kliem ikun jista' jinstemgħa ċar minħabba distorsjoni fil-ħoss li jġib il-konverazzjoni "muffled".

Inoltre, LZ tikkonċedi li dan l-iPhone li JFS qiegħed fuq il-mejda, ma ratux jixgħel u ma tafx jekk kienx mixgħul jew. Stqarret ukoll pero

li hija kienet infurmata li dan it-tip ta' mobile phone ma jkollux xi bozza ħamra tixgħel meta jkun qiegħed jirreġistra konversazzjoni. Biss tgħid ukoll li dan il-mobile phone kien qiegħed idejjaqha meta tqiegħed hemmhekk fuq il-mejda.

Biex tipprova tifhem jekk miċ-ċirkostanzi tistax tasal għal xi prova mir-rikorrenti jekk almenu ratx lill-JFS jagħmel xi moviment fuq il-mobile phone tiegħu li bih jattiva l-*icon* tar-reġistrazzjoni, staqsiet xi mistoqsijiet lil LZ fosthom :

> Qorti: Issa ghax ghalija din importanti hafna. qabad il-mobile hargu irrisponda I-call u qieghdu fuq il-mejda, qabel ma qieghdu fuq il-mejda rajtu jaghmel xi haga bil-mobile?
>
> Xhud: Sur Magistrat onestament jiena din ... of course li ma niftakarx.
>
> Qorti: Imma huwa dettal importanti?
>
> Xhud: Le imma jiena. Ma rajtux, jiena jekk rajtu f'idu figgiting bih inkun qed nigdeb because I was too agitated biex ninotta xi haga daqs hekk, kull ma naf jiena illi I-mobile dejjaqni, naf li kellu mobile u kellu cover, niftakar li kellu cover ghaliex ghandu jkun kien pink jew vjola u niftakar li ghaddieli minn rasi illi you know pink jew vjola is not a.
> Qorti: Imma dak issa?
>
> Xhud: Iva imma l-hsieb ghaddieli minn rasi, jiena dak il-hsieb ghaddieli minn rasi. Dak il-hsieb ghaddieli minn rasi.
>
> Qorti: It is a free country.
>
> Xhud: Imma jiena qed nghid x' ghaddieli minn rasi, ghaddieli dak minn rasi ghid ara dan alright imbaghad beda jdejjaqni illi kien in the middle of the desk mhux towards him, issa jiena jekk xeghlu ma nafx pero' ma hemmx ghalfejn nghid lils-Sinjorija tieghek li hawn gew kulhadd jaf illi l-i phones jekk ikunu mixghulin u jkunu qed jirrekordjawk ma tkunx taf. L-i phones ma humiex bhal old tape recorders li konna nuzaw 1-Universita' .
>
> Qorti: Jiena kumbinazzjoni i phone nuza ghalhekk qed nistaqsik din il-mistoqsija ghax biex nirrikordja hemm certu x'jismu li jrid isir ghal hekk qed nistaqsik?
>
> Xhud: Imma jiena ma nistax nghid illi rajtu, I can't tell you, isma' iva inkun qed nigdeb, you know, I wasn't that precise like I said, I was agitated biex nghidilhom illi rrid naghmel il-libell kontra s-Sinjura Caruana Galizia fuq dik il-bicca xoghol, it is a detail, may be he did but I don't know, kull ma naf hu li wara li rrispondieh.

> Qorti: Il-mobile baqa' hemm?
>
> Xhud: u jista' jkun li jiena I was ... with my nails waqt li hu qed jitkellem, jiena, it was a personal call by the way, ma kienetx xi call ta' 1-ufficcju u allura jiena peress li it was a personal call, qadt sejra hekk b'dufrejja sa kemm ma jispiccax, jiena nisthi illi bniedem ikun qieghed jitkellem ma' tad-dar u jiena qieghda bilqieghda quddiemu forsi jrid jghid xi haga u bqajt sejra hekk b'dufrejja sa kemm ma lesta, jigifieri definately I wouldn't have seen him.

Pero aktar tard ix-xhud ġiet imfakra mill-Ispettur Mecieca dwar dikjarazzjoni li kienet għamlet preċedentement :

> Mistoqsija: Mela dan id-dokument nixtieq nezebih Sur Magistrat u nixtieq naghmillek domanda ohra, fix-xhieda tieghek issa ghadek kif ghid inti li bil-gurament ma tistax tghid li he was figgiting with the mobile jew le, meta fl-ittra li baghat hawn hekk lil Mr. Silvio Scerri li inspector Jason Sultana started figgiting with his mobile phone and placed it in the middle of his desk, fix-xhieda li tajt issa bil-gurament ukoll ghadek kif ghidilna li ghax daqlu l-mobile hargu minn gewwa l-qalziet tieghu, minn gewwa 1-but, liema hija l-verita'?
>
> Xhud: Le, le Sur Mercieca you are going to find details u trid tiftakar li dik kienet in July u kont ghadni kemm kelli konfront mieghu u issa qed tfakkarni, iva he was figgiting with the phone pero' issa bil-gurament jiena meta qed isaqsini I-Magistrat bil-gurament u ghadda hafna zmien, alright jiena ma nigdibx u ma hiniex ser nghid for sure, iva Sur Magistrat kien qieghed imma dak iz-zmien in July ftakart iktar illi he was figgiting with the phone. Anzi qieghed tfakkarni inti, he was figgiting with the phone ghax issa qed niftakar imma jiena biex ilIum after all this time pero' meta ktibt l-ittra in July of 2014 ftakart iktar din what is it March 2015, jiena ma mortx nara dik l-ittra li baghat is-Sur Scerri imma dik l-importanti li jiena ghalija li t-telefon fin-nofs bejnu u bejni u jiena bdiet torokni ghajnejja fuqu pero' the penny dropped only when I saw il-blog ta' Mrs. Caruana Galizia.

Hawnhekk ix-xhud tidher qisha tagħti żewġ verżjonijiet differenti. Il-Qorti tifhem li l-memorja ta' xhud mhux dejjem tibqa' ċara mat-trapass taż-żmien u għalhekk din id-differenza mhix neċessarjament sinjal t'inkonsistenza. Jekk dak li verament seħħ huwa dak li x-xhud kienet kitbet *a tempo vergine*, allura jfisser li rat lill-JFS jagħmel xi ħaġa b'idu fil-mobile phone tiegħu – "*figgiting* (sic! *fidgeting*) *with the phone*". Pero anke din l-istqarrija, jekk aktar verosimili għal dak li veru ġara, hija wkoll stqarrija ekwivoka li ma

twassal għal ebda prova. X'kienu l-atti ta' *fidgeting* li kien qiegħed jagħmel JFS bil-mobile tiegħu ma humiex spjegati ċar u b'hekk il-Qorti ma tistax **tassumi** li kienu bil-fors movimenti li permezz tagħhom huwa attiva l-funzjoni tal-icon tar-reġistrazzjoni – jiġifieri setgħu kienu setgħu ma kienux. Possibbli li kienu daqskemm hu possibbli li ma kienux. Dan mhux grad ta' prova suffiċjenti f'dan il-każ u jfisser li hemmx prova sal-grad *prima faciae* li meta temm it-telefonata, JFS għamel xi manuvra li permezz tagħha setgħa jqiegħed l-istess mobile phone fuq *recording mode*.

Konsiderazzjoni oħra li din il-Qorti ħasbet fuqha kienet li jekk verament JFS irreġistra din il-konversazzjoni mingħajr l-għarfien ta' LZ kellu għalfejn iħalli l-*mobile phone* tiegħu taħt għajnejha? Dan il-fatt mhux kompatibbli mal-aġir ta' min ikun irid jirreġistra konversazzjoni b'mod klandestin li filwaqt li jħalli l-apparat ta-reġistrazzjoni bil-*microphone* inostakolat – anke jekk minn ċerta distanza – pero jqegħdu f'post fejn ma tantx ikun jagħti fil-għajn tal-persuna li tkun ser tiġi reġistrata ad insaputa tagħha.

Konsiderazzjoni li ħasbet ferm lil din il-Qorti kienet oħra u ċjoe' kieku kien verament JFS li għamel din ir-reġistrazzjoni bil-mezz tiegħu u taħt l-għajnejn attenti ta' LZ, kien verosimili li kien ser ikun **hu stess** li jwassal dik ir-reġistrazzjoni, jew almenu s-sustanza ta' dik il-konversazzjoni segretata fl-idejn u għall-attenzjoni ta' ġurnalista perspikaċi bħal DCG? Verament li kien ikun att inġenwu daqskemm irresponsabbli da parti tal-istess JFS u dan peress li b'dik l-azzjoni kien ikun qiegħed jiffirma l-kundanna tiegħu stess. Kien ikun ifisser li kien konsapevoli li ħadd ieħor ħliefu ma kellu dik ir-reġistrazzjoni, li tikkontjeni konversazzjoni bejnu – Uffiċjal tal-Pulizija u ċittadin fuq kwerela – u jmur jitlaqgħa f'idejn DCG

mingħajr ma jgħaddilu minn moħħu x'użu setgħa jsir minnha dik il-konversazzjoni? Verament li l-ġurnalista ma kienetx ser tiżvela s-sors tal-informazzjoni. Iżda minkejja dan kieku kien verament hu, u hu biss, qajla setgħa jkun hemm dubju mingħand min dik il-konversazzjoni tkun waslet għand DCG. Biss kif intqal aktar il-fuq dan ix-xenarju ma hux wieħed univoku u a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tqis li ma ġiex pruvat *prima faciae* li seħħ verament hekk.

Apparti dan il-Qorti tqis li anke hawnhekk hawn ostaklu ieħor. Anke jekk *gratia argomenti* kien JFS li rreġistra din il-konversazzjoni xorta waħda ried jiġi *prima faciae* pruvat li kien JFS li wassal dik il-konversazzjoni hekk reġistrata għand DCG li waslet għall-pubblikazzjoni ta' silta minnha fuq il-blog tagħha. Mistoqsija speċifikament dwar jekk kienetx taf min setgħa għadda din ir-reġistrazzjoni lil DCG, LZ twieġeb hekk : -

> Xhud: Of course. Dik hija l-verita'. Jiena kif it landed ghandha f'idejha, who delivered it il-clip ma nafx. Dik ma nafx, ma nistax nghid li taghhielha hu l-clip, sekonda please ma nistax nghid li taghhielha hu dik ma nistax nghid, ma nafx.
>
> Qorti: Li inti minn naha tieghek kont ... facto issuspettajt li kien qed jirrekordjaha l-Ispettur Sultana bil-mobile tieghu pero' min kien dak illi dak ir-recording ghaddieh lis-Sinjura Caruana Galizia?
>
> Xhud: Dik ma nistax nghid pero' meta qrajt fuq il-blog illi jiena kont gejt irrekordjata inkixef wahdu, kixfitu ghaliex jiena naf li lilhom biss kellimt u ma dahal hadd....

Fin-nuqqas ta' provi diretti jew evidenza ċirkostanzjali univoka biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li kien JFS mhux biss li rreġistra din il-konversazzjoni iżda wkoll li għaddiha hu personali jew tramite terzi jew almenu kixef il-kontenut tal-konversazzjoni lil DCG, il-Qorti tkun trid bilfors timxi fuq l-**<u>assunzjoni</u>** li ladarba kien JFS li rreġistra l-konversazzjoni u ladarba l-mobile phone kien tiegħu, allura bilfors kien hu li għadda din ir-reġistrazzjoni lil DCG. Iżda

peress li l-anqas fuq dan il-punt l-evidenza ċirkostanzjali ma hi univoka, mhux possibbli għal din il-Qorti li tnissel presunzjoni ta' fatt minnha. Assunzjoni ta' fatt mhix preżunzjoni ta' fatt. Il-Qorti ma tistax tissuplimenta l-provi b'konġetturi jew assunzjonijiet. Il-Qorti għandha tinterpreta l-provi bi proċess ta' analiżi loġika u bl-eżerċizzju tar-raġuni retta – u tista' wkoll tasal għal preżunzjoni ta' fatt; iżda dan dejjem irid isir fuq provi legalment ammissibbli u b'rispett lejn il-parametri u n-normi tal-proċedura kriminali, anke fil-każ ta' proċeduri speċjali bħal dik tal-isfida tal-Kummissarju tal-Pulizija.

# ***DEĊIDE***

għalhekk li ma hemmx *prima facie* lok għall-kwerela meritu ta' dan il-każ u konsegwentement tiċħad it-talba tar-rikorrenta.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jinnotifika din id-deċizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li tordna wkoll li din id-deċizjoni u l-atti tal-proċedura jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali fi żmien jumejn tax-xogħol.

***Mogħtija illum it-22 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***